MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 51/2018

It-Tnejn 13 t'Awwissu 2018

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, f'nofsinhar.

## PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Is-Sinjura Maria Saliba – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

## ASSENTI:

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 51.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

51.1.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsillier is-Sur Christian Cassar u ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, is-Sinjura Maria Saliba kienu skużati. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-apoloġiji.

### 51.2 Stqarrija tal-Ministru għal Għawdex;

51.2.1 Is-Sindku beda din il-laqgħa li ssejħet b'urġenza billi għamel referenza għall-istqarrija tal-Ministru għal Għawdex l-Onorevoli Justyne Caruana fuq is-sit tagħha fil-midja soċjali nhar il-11 t'Awwissu 2018. Il-Ministru għamlet referenza għall-artiklu li kien qed jiċċirkola fuq il-midja soċjali dwar xogħlijiet ħdejn il-*breakwater* ta' Marsalforn. Hija qalet li dak ix-xogħol ma kienx qed isir mill-Ministeru għal Għawdex u la kellu l-ebda approvazzjoni minnhom u lanqas ma kellu x'jaqsam mal-proġett tal-*breakwater*. Hija stqarret li x-xogħol fuq dan il-*breakwater* huwa wegħda elettorali u ser tinħareġ is-sejħa għall-offerti fiż-żmien li ġej. Qalet ukoll li xogħol mhux awtorizzat jista' jfixkel dan il-proġett.

51.2.2 Is-Sindku stqarr li huwa favur il-proġett tal-*breakwater* u qal li din l-istqarrija tal-Ministru hija waħda pożittiva minħabba l-fatt li x-xogħol fuq dan il-proġett ser jitwettaq. Huwa kkonferma li x-xogħol li kien qed isir dakinhar ma kellux l-approvazzjoni tal-Kunsill u ma nħareġ l-ebda permess mill-Kunsill għal dan ix-xogħol. Is-Sindku staqsa lill-membri preżenti jekk huma għadhomx favur dan il-proġett ta' bini mill-ġdid tal-*breakwater* ta' Marsalforn.

51.2.3 Is-Sinjura Sandra Grech qalet li għadha kemm kellha laqgħa mal-Ministru għal Għawdex dwar dan is-suġġett u l-Ministru qaltilha li l-Kunsill taż-Żebbuġ huwa 'Kunsill bla fibra' bil-kummenti li qed isiru fuq il-midja soċjali. Is-Sinjura Sandra Grech indirizzat lill-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina u qaltlu li bil-kummenti li qed jikteb hu fuq il-midja soċjali qed ipoġġi lill-Kunsill kollu f'dell ikrah anke mal-Ministru għal Għawdex. Is-Sinjura Sandra Grech qaltlu li qabel ma jikteb u jwassal il-messaġġi tiegħu għandu jivverifika ma' kull min ikun ikkonċernat u jkun ċert dwar dak kollu li jkun qed jikteb, dan għaliex bil-kummenti tiegħu qed

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ

jeħel il-Kunsill kollu. Is-Sinjura Sandra Grech iddikjarat li hi favur il-proġett tal-*breakwater* u faħħret ix-xogħol li qed isir mill-Ministeru għal Għawdex biex jibda l-proġett.

51.2.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina stqarr li huwa wkoll favur il-*breakwater* u li għandu jsir illum qabel għada. Huwa qal li rċieva ritratt minn xi nies dwar xogħol li kien qed isir fuq il-*breakwater* u ried jiġbed l-attenzjoni li ma kienx iż-żmien u l-ħin addattat. Huwa dar fuq is-Segretarju Eżekuttiv u staqsa jekk ix-xogħol kellux il-permess tal-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv.

51.2.5 Il-Kunsillier Chev Carmelo Saliba ndirizza lis-Sur Daniel Cordina u qal li qabel ma jikteb u jwassal il-messaġġi tiegħu għandu jivverifika ma kull min ikollu x'jaqsam inkluż mal-kuntrattur innifsu f'dan il-każ. Chev Carmelo Saliba ddikjara li huwa favur il-proġett tal-*breakwater* ta' Marsalforn.

51.2.6 Is-Sindku qal li kull membru tal-Kunsill għandu jkun responsabbli f'dak li jikteb għax fil-kariga tiegħu bħala rappreżentant tal-Kunsill dak li jikteb ikun qed jagħmlu f'isem il-Kunsill u b'hekk bħalma ġara f'dan il-każ deher ikrah il-Kunsill kollu. Is-Sindku talab lil Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina sabiex joħroġ stqarrija li tikjarifika dak li ġara iżda l-Viċi Sindku wieġeb li tali stqarrija għandu joħroġha s-Sindku u qal li jappoġġja din l-istqarrija. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

## 51.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-1.30 ta' wara nofsinhar u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 24 t'Awwissu 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 24 t'Awwissu 2018.

*Iffirmata*
**Nicky Saliba**
Sindku

*Iffirmata*
**Ryan Debrincat**
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ